MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2013

Numru. 216/2009

**Il-Pulizija**
**(Supt Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Kersten Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Kersten Camilleri ta’ 19-il sena iben Carmelo u Teresa nee’ Agius mwieled Pieta fl-1 ta’ Awwissu 1989 u residenti 3, Betta, Triq Betta, Tarxien, ID 353289 (M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-28 ta’ Settembru 2008 u fil-jiem ta’ qabel kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Akkuzat ukoll talli sar ricediv ai termini tal-Artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fis-26 ta' April 2007, mill-Magistrat Dr A Vella, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat il-verbal fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2012 fejn id-difiza ddikjarat li mhux qed tikkontesta li d-droga esebita hija fil-fatt raza tal-cannabis.

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2013 l-imputat rregistra ammissjoni.

*Il-Qorti wissiet lill-imputat li b'tali ammissjoni huwa jista jehel sa sena u nofs prigunerija u wara li taghtu hin biex jahsibha, huwa rega kkonferma tali ammissjoni.*

Il-partijiet trattaw il-piena.

Ikkunsidrat:

Rigward piena il-qorti kkunsidrat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2012 u l-imputat rregistra ammissjoni fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2013. ghalhekk l-imputat m'hu ser jiehu l-ebda beneficcju ta' din l-ammissjoni stante li xorta hela l-hin u r-rizosi tal-Qorti u tal-Pulizija.

Illi l-fedina penali tal-imputat mhix wahda felici u ghandu hames kundanni u diga nghata Probation Order minn dawn il-Qrati. Illi in oltre l-imputat huwa wkoll ricediv. Pero mix-xhieda ta' Jean Cali jidher li l-imputat qed jaghmel l-almu tieghu biex jeghleb il-problema tad-droga u

ser jibda programm residenzjali, skont ix-xhieda ta' Jean Cali mghotija llum beda l-programm il-bierah.

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artkoli 8 (a), 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 kif wkoll l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' hames mitt Euro (€500.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00), b'dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2013, b'dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-registratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------